MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# TWISSIJA MILL-MFSA

## OneCoin

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") tixtieq tavża lill-pubbliku li fuq is-sit elettroniku https://www.onecoin.eu/en u fuq pagna tal-media socjali Facebook intitolata "OneCoin Malta" din l-entita qed toffri firxa ta' servizzi, inkluż servizzi ta' skambju u *cloud mining* u jidher li qed toffri l-opportunità li wieħed jinvesti fl-istess entita.

L-MFSA tixtieq twissi lill-pubbliku li OneCoin mhix munita maħruga minn xi Bank Ċentrali jew minn Awtorità pubblika. Għaldaqstant OneCoin kif ukoll il-promoturi tagħha **mħux liċenzjati jew awtorizzati b'xi mod mill-MFSA** biex jipprovdu xi servizzi ta' investiment jew servizzi finanzjarji oħra minn jew f'Malta.

F'dan ir-rigward l-MFSA tagħmel riferenza għal informazzjoni li giet publikata mill-Awtorita tas-Servizzi Finanzjarji tal-Ingilterra (UK Financial Conduct Authority) intitolata "Beware trading virtual currencies with OneCoin" fuq is-sit elettroniku tagħhom https://www.fca.org.uk/news/news-stories/beware-trading-virtual-currencies-onecoin, kif ukoll ghal twissija publikata mill-Awtorita Bankarja Ewropea (European Banking Authority) intitolata "Warning to consumers on virtual currencies" fuq is-sit elettroniku taghhom https://www.eba.europa.eu/documents/10180/598344/EBA+Warning+on+Virtual+Currencies.pdf.

L-MFSA twissi lil-konsumaturi biex joqgħodu attenti ħafna mir-riskji li tista toffri OneCoin u għandhom ikunu konxji wkoll li l-opportunitajiet ta' investiment li dwarhom issir promozzjoni minn **OneCoin,** aktarx li huma ta' natura dubjuża b'ċans kbir li jkun hemm telf ta' flus.

L-MFSA tappella lill-investituri u konsumaturi tas-servizzi finanzjarji biex qabel ma jagħmlu kwanlunkwe investiment jew jidħlu f'ebda transazzjoni ta' servizzi finanzjarji jaċċertaw lilhom infushom li l-entità li magħha qed isir l-investiment jew it-transazzjoni hija awtorizzata li tipprovdi dawk is-servizzi mill-MFSA jew minn xi regolatur ieħor tas-servizzi finanzjarji kif applikabbli.

Lista ta' entitajiet liċenzjati mill-MFSA hija disponibbli mingħand l-MFSA u tista' tiġi aċċessata minn fuq is-sit uffiċjali tal-MFSA fuq http://www.mfsa.com.mt/pages/licenceholders.aspx.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**Twissija MFSA: 03-2017**
**18 ta'April 2017**